MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 93/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta’ Settembru, 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil martu Maria Rita Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Frar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet, fuq

ammissjoni, l-Qorti sabet lill-appellant hati u kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Frar 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, u f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li l-appellant naqas li jhallas il-manteniment lill-martu Maria Rita Mifsud u/jew lil uliedu fiz-zmien stipulat;

Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li f’dan il-kaz l- appellant kellu nuqqas ta’ finanzi u ghalhekk ma setghax jonora l-obbligu tieghu, aktar u aktar meta jittiehed in konsiderazzjoni li hemm ammont sostanzjali li jrid jithallas.

*2.* Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta’ Cesare Beccaria : *“.....che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso ......”*

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta` jissottometti li l-piena nflitta kienet eccessiva.

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta’ l-appell tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi l-ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni il-kwistjoni finanzjarja tieghu illi tant kienet batuta illi ma setax jonora l-obbligi tieghu versu martu u ghalhekk issottometta illi l-piena inflitta kienet eccessiva. Apparti l-fatt illi l-Qorti

jidrilha illi r-rimedju illi kellu l-appellant kien illi jagixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti sabiex din wara li tiehu konjezzjoni tal-provi tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment, haga illi l-appellant ma ghamilx.

F’din il-kawza l-appellant ghazel illi jammetti l-akkuzi. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kelliex triq ohra hlief illi tghaddi ghas-Sentenza.  Fil-kawza Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-20 ta’ Jannar,1995 il-Qorti qalet “Fuq ammisjoni ta’ l-imputat, il-Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall- kundanna tieghu, almeno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta’ l-imputazzjoni, jew li ma kienetx l-intenzjoni tieghu illi jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-ligi tikkundannah, cioe’ ssibu hati tar-reat.”
Minn dan kollu ma rrizulta xejn, anzi rrizulta illi l-imputat kien fehem sew in-natura ta’ l-imputazzjoni u kienet l-intenzjoni tieghu illi jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni.  Fil-fatt, fil-mori ta’ dan l-appell hallas lil martu parti civili, l-ammont reklamat ghax-xahar in kwistjoni.  Fil-waqt illi ghall-fini tal-htija dan il-hlas fil-mori ma jaghmilx differenza jista jaghti lok ghal temperiment fil-piena.

Fil-kawza  Il-Pulizija vs Publius Said (25.9.2003) il-Qorti qalet “L-iskop tal-legzlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1993 (bl-emmenda tan-1996) kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcritranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timponixxi l-ksur ta’ l-ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi.  F’dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u hemm lok ta’ temperiment fil-piena ...” u dak huwa propju li se taghmel il-Qorti f’dan il-kaz fejn filwaqt illi se tikonferma l-htija stante l-hlas fil-mori ghandu jkun hemm temeriment fil-piena.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi fil-waqt illi tilqa in parti l-appell ta’ l-appellant, tirriforma s-Sentenza

tal-Qorti tal-Magistrati ta’ l-14 ta’ Frar 2011 billi filwaqt li tikkonferma fejn sabet il-htija tirriforma s-Sentenza appellata billi flok il-kundanna ta’ gimgha detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti ta’ l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------